

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Vogel Import Export NV

Konvenut: Belgische Staat

**Dispożittiv**

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016, għandha tiġi interpretata fis-sens li t-twavel tal-injam incānati, li l-erba' rkejjen tagħhom kienu ftit ittonnati għat-tul kollu tat-tavla, ma jistgħux jitqiesu bħala ffurmati u ma jistgħux jaqgħu fl-intestatura 4407 tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 201, 15.6.2020.

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2020 minn XH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralis (Is-Seba' Awla) fil-25 ta' Ġunju 2020 fil-Kawża T-511/18, XH vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-399/20 P)

(2021/C 217/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: XH (rappreżentant: E. Auleytner, radca prawny)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tas-16 ta' Marzu 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala, parżjalment, manifestament inammissibbli u, parżjalment, manifestament infondat u li XH huwa kkundannat għall-ispejjeż tagħha stess.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2020 minn Lukáš Wagenknecht mid-digriet mogħti mill-Qorti Ĝeneralis (It-Tmien Awla) fis-17 ta' Lulju 2020 fil-Kawża T-715/19, Wagenknecht vs Il-Kunsill tal-Ewropa**

(Kawża C-504/20 P)

(2021/C 217/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Lukáš Wagenknecht (rappreżentant: A. Koller, advokátka)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Ewropa

B'digriet tal-14 ta' April 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tmien Awla) iddeċidiet li l-appell huwa miċħud peress li huwa, parżjalment, manifestament inammissibbli u, parżjalment, manifestament infondat u li Lukáš Wagenknecht għandu jebti l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---